MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' April, 2009

Numru. 424/2005

IL-PULIZIJA
SPETTUR EDEL MARIE CAMILLERI
VS
VINCENT DEBRINCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Vincent Debrincat, ta’ 35 sena, iben Ewgenio u Maria Jamie nee’ Azzopardi, imwieled Ghawdex, nhar il-21 ta’ Jannar 1970, residenti ‘Flat 2’, Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar, u detentur ta’ karta ta’ l-identita’ numru 5970(G).

Akkuzat talli fit-2001 u fiz-zminijiet ta’ qabel b’diversi atti maghmulin minn affarijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi li jaqghu taht rizoluzzjoni wahda u li fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer iffalsifika biljetti ta’ flus, jew mexxa biljetti ta’ flus falsifikati, biljetti ta’ flus Maltin, li ghal dawn il-biljetti ta’ flus huwa kien jaf li kienu ffalsifikati. U

dana bi ksur ta’ l-Artikolu 18 Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 45 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi akkuzat ukoll talli fl-istess cirkostanzi u minghajr awtorita’ legali u minghajr skuza legittima jew ragonevole, jew ircieva minghand persuni jew li kellu biljetti ta’ flus falsifikati u li l-istess biljetti ta’ flus falsifikati u dana bi ksur ta’ l-Artikolu 18 Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artikolu 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikoli din il-Qorti ser issib htija fl-imputat (ara fol.85);

Rat il-verbal tat-3 ta’ April 2007 (a fol.84) fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi notifikat f’din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-Partijiet;

Ikkunsidrat:

L-Ispettur Edel Maria Camilleri a fol.18 infurmat lil Qorti illi hija kienet giet infurmata minn WPC02 Mariella Mizzi, illi kien sar rapport minn certu Silvana Debrincat il-Fraud Squad fejn kien gie allegat li zewgha, l-imputat, Vincent Debrincat, kien qed jiccirkola hames lirijat foloz u kien qed jikkostriggiha tmexxihom f’diversi hwienet gewwa l-Qawra.

Silvana Debrincat irrilaxxat stqarrija f’dan is-sens u li l-istqarrija giet guramentata quddiem il-Magistrat ta’ l-Ghassa, u li ttiehdu proceduri kriminali kontra Silvana Debrincat.

L-Ufficjal Prosekutur, Camilleri, xehedet illi l-Pulizija kienet ghamlet diversi stharrig fil-hwienet illi fihom setghet marret, Silvana Debrincat, sabiex ticcirkola dawn il-hames lirijat, u cioe fil-‘Body Shop’ ta’ Bugibba, fi *grocer* gewwa l-hotel ‘Santa Marija’, kif ukoll ‘Angelo’s One Bar’, pero’ din l-investigazzjoni ma tat ebda frott. L-Ufficjal Prosekutur

xehedet illi Silvana Debrincat kienet sahansitra qaltilha il-mohba illi kien juza l-imputat biex jistiva dawn il-hames lirijat foloz, li kien f'ventilatur fl-art tal-kamra tat-tifla tieghu.

Spettur Edel Marie Camilleri, xehedet a fol.22 illi l-Pulizija wettqu tfittxija fil-fond ta' l-imputat, tfittxija ntensiva, pero' ma sabu ebda flus foloz f'din ir-residenza. Di piu', l-imputat rrilaxxa l-istqarrija fejn innega dak kollu li gie allegat minn martu, Silvana Debrincat.

In kontro ezami, mistoqsiha jekk kemm il-darba kinitx taf illi fi zmien illi hija ghamlet dan ir-rapport il-Fraud Squad section tal-Pulizija, Silvana Debrincat kienet qeghdha fi proceduri ta' separazzjoni ma' zewgha u li kienet qed tippretendi aktar manteniment minghandu, l-Ufficjal Prosekutur ma deherilix illi Silvana Debrincat kienet semmitielha.

L-istqarrija ta' l-imputat giet ezebita u mmarkata bhala Dok.EMC a fol.25 et seq. u li f'din l-istqarrija, l-imputat innega l-allegazzjonijiet kollha maghmulha kontra tieghu.

Silvana Debrincat a fol.27 et seq. xehedet illi hija kienet izzewget lill-imputat u waqt li kienet fiz-zwieg, l-imputat kien igeghlha tohrog tixtri b'hames lirijat foloz u *"Kien isawwatni jekk ma nohrogx nixtri bihom."* Silvana Debrincat xehedet illi ghall-ewwel ma riditx taghmel dan, imbaghad l-imputat kien beda jsawwatha, *"Darba tani daqqa ta' ponn, tefghani ma' l-art, u beda jatini bis-sieq go l-istonku tieghi."* Xehedet illi kien jatiha dawn il-hames lirijat foloz u li kien jippretendi li hija tmur tixtri bihom. *"Qabbduni tlett darbiet. Kont inkun irrid li l-art tinfetah u tiblani."* Debrincat xehedet illi wara li kien jatiha l-hames lirijat foloz kien qed jippretendi illi hija tghaddi biha ghall-bzonnijiet tal-familja ghall-jumejn. Hija xehedet illi waqt li kienet fiz-zwieg, l-imputat kien is-soltu jhallilha zewg liri fuq il-*fridge* kuljum u kien ikollha tghaddi bihom ghall-bzonnijiet tal-familja u tad-dar. Silvana Debrincat qalet li darba minnhom kienu qabbduha tal-'Body Shop' ta' Bugibba. Kienet inqabdet ukoll ftit l-istess mic-cinema, fi grocer, u kif qabbduha fit-tielet darba kienet irritornat id-

dar, ikonfrontat lil zewgha, u qaltlu li ma kinitx ser taghmel dawn l-affarijiet aktar u li kienet ser tirraportah lil Pulizija.

*“Heddidni li jekk naghmel rapport lil Pulizija joqtolni. U jiena kont nibza minnu u mbaghad fil-fatt meta sseparajt xi jumejn wara dritt mort naghmel, jew ftit wara, mort naghmillu r-rapport.”* (ara xhieda a fol.28).

Ikkonfermat illi huwa kien zamm dawn il-flus foloz fil-ventilatur fil-kamra tat-tifla taghha u li kienet rat almenu xi tlett mitt lira minn dawn il-flus foloz f’daqqa, konsistenti l-aktar f’hames lirijat.

Spettur Martin Sammut xhed a fol. 32 et seq, ikkonferma r-rapport li ghamlitlu Silvana Debrincat rigwardanti c-cirkolazzjoni ta’ flus foloz mill-imputat Vincent Debrincat. L-istess Spettur xhed illi l-Pulizija ddecidiet li ma twettaqx tfittxija fir-residenza ta’ l-imputat halli tkun tista’ tosserva l-passi tieghu u l-manjiera ta’ kif kien qed jiccirkola l-allegat flus foloz. Spettur Martin Sammut xhed illi huma qatt ma sabu u qatt elevaw uhud minn dawn il-flus foloz tul l-investigazzjonijiet u l-osservazzjonijiet kollha li ghamlu ma’ l-imputat.

PC344 Christopher Vella xhed illi fit-13 ta’ Jannar 2002, hu flimkien ma’ l-Ispettura Edel Marie Camilleri u ex-PC274, wettqu tfittxija intensive fil-fond ta’ l-imputat Vincent Debrincat, ‘Woodstock Flats’, Triq is-Sajjied, Bugibba, kif ukoll fuq il-karozza tieghu tal-marka Mitsubishi Lancer EBA 273. Pero din it-tfittxija kienet fin-negattiv.

Ex-PC274 Saviour Gauci a fol.53, ikkonferma illi huwa wettaq it-tfittxija fi Frar 2007, San Pawl il-Bahar, izda ma setax jiftakar l-imputat jew l-indirizz fejn wettaq din it-tfittixija.

L-imputat Debrincat (a fol.87 et seq.) ikkonferma illi huwa kellu problemi familjari li wasslu ghal separazzjoni personali bejnu u bejn martu u kkonferma li saret it-tfittxija fil-flat tieghu, cioe l-Pulizija mill-Iskwadra ta’ Kontra l-Frodi, u kkonferma illi fit-tfittxija ma sabu xejn u li l-

allegazzjonijiet maghmula minn martu kienu kollha invenzjonijiet. Ikkonferma illi huwa ghandu mpjieg mal-Gvern u part-time job fil-Catering. Huwa xhed illi wara t-tqala, l-mara tieghu kienet vittma ta' 'post-natal depression' u li kienet marret ghand diversi psikjatri. Debrincat xhed illi qatt ma zamm flus fil-kamra tat-tifla tieghu u li l-flus huwa kien izommhom fil-gwardarroba tal-kamra tas-sodda taghhom.

Alex Caruana, li jiggestixxi l-hanut 'Angelo's Two', f'Bugibba, ikkonferma illi l-imputat kien jahdem mieghu part-time ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena u li kien anke fdat mal-*cash register*. Ikkonferma wkoll li qatt ma kellu xi problemi dwar flus foloz u qatt ma nstaghbu flus foloz fil-hanut tieghu.

Ikkonsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda akkuzi ta' falsifikazzjoni ta' biljetti ta' flus u cirkulazzjoni taghhom u pussess ta' biljetti ta' flus foloz bi ksur ta' l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, 45 u 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti taghraf illi l-uniku prova tal-prosekuzzjoni hija x-xhieda ta' mart l-imputat cioe' Silvana Debrincat, mara illi allegatament kienet tbati minn 'post-natal depression' u giet segwita minn diversi psikjatri u li kienet ghaddejjha minn perijodu difficli hafna fiz-zwieg taghha tant illi fiz-zmien citat fl-akkuza, hija kienet ghaddejjha minn proceduri ta' separazzjoni personali minn mar-ragel taghha.

Illi l-prova kardinali f'kull akkuza ta' falsifikazzjoni, cirkolazzjoni jew pussess ta' flus foloz huwa l-produzzjoni tal-biljett tal-flus falz inniffsu f'idejn il-prosekuzzjoni b'ness qawwi bejn l-akkuzat bil-pussess tal-flus foloz u l-attentat jew l-att materjali ta' cirkolazzjoni ta' flus foloz.

Illi fil-kaz in ezami, l-Qorti mhux biss hija rinfaccata bi ksur ta' dan in-ness, izda b'assenza totali ta' biljetti ta' flus foloz.

Illi minkejja li fil-Ligi ta' procedura, fil-Kamp Kriminali, xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed ghal seghbin ta' htija fil-kaz in ezami dan ix-xhud minghajr evidenza materjali u almenu evidenza korroborattiva, l-Qorti ma tistax tasal ghal konvinciment morali ghas-sejbien ta' htija fl-imputat u dana aktar u aktar in vista tal-passat psikjatriku ta' l-uniku xhud f'dan il-kaz.

Il-Qorti tinnota illi l-prosekuzzjoni naqqset li tipproduci l-Kap tas-Central Bank biex almenu jkun jista' jaghti t-testimonjanza tieghu dwar ic-cirkolazzjoni ta' flus foloz (konsistenti f'hames lirijat u zewg lirijat) fil-fatt kienu qed jigu ccirkulati fi zminijiet qabel id-data msemmija fic-citazzjoni. In oltre', l-prosekuzzjoni naqqset ukoll illi tharrek it-tlett 'outlets' illi Silvana Debrincat tghid illi fil-fatt hija kienet giet kostretta illi ticcirkola dawn il-flus foloz minn zewgha.

Illi ghaldaqstant in mankanza ta' produzzjoni ta' evidenza tangibbli u attwali ta' biljett ta' flus falz, in mankanza ta' almenu 'circumstantial evidence' li tikkorrobora x-xhieda ta' Silvana Debrincat din il-Qorti ma tistax, in koxxenza, issib htija fl-imputat.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------